# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 394/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Spiteri)**

**vs**

**Kevin Vella**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Kevin Vella, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 16594G, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordninanza dwar

il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/I minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292.1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 1010 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazin din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) u 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi pproduca, biegh jew xorta ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta

Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu froga ristretta u psikotropika (ecstasy), kontenenti, s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Profissjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ttraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Settembru, 2017, li biha ma sabet lill-imputat **mhux hati** tar-raba' u l-hames imputazzjoni u minnhom illiberatu, sabitu **hati** tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni u kkundannatu ghall-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija effettiva u multa ta' elf Ewro (€1,000).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu man-nomina tal-esperti fil-mori ta' dan il-kaz, liema spejjez b'kollox jammontaw ghas-somma ta' tlett mija u erbgha u sittin Ewro u serbgha u sittin centezmu (€364.67) u ghandhom jithallasu mill-hati fi zmien sena mill-lum.

Ordnat id-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mad-droga esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Inoltre, l-Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija li x-xhud, Zael Vella, tkun investigata dwar xhieda falza li tat f'dawn il-proceduri u jekk jirrizulta jittiehdu passi kriminali kontra taghha. U jekk mhux diga' sar hekk, ikunu nvestigati l-persuni kollha li semmiet Zael Vella fl-istqarrijiet originali in konnessjoni

mal-abbuz tad-droga u Lorton Spiteri u jekk jirrizulta li hemm ghaliex jittiehdu passi kriminali, dan isir minnufih;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kevin Vella pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 2017, li bih talab lil din il-Qorti **tannulla** s-sentenza appellata u b'subordinarjament tvarja u **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonferma** dik il-parti tas-sentenza fejn l-esponent kien misjub mhux hati tar-raba' u l-hames imputazzjoni u **thassar** u tirrevoka l-istess sentenza appellata f'dik il-parti li sabet lill-esponent hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet u fejn kien ikkundannat ghall-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija u multa ta' elf ewro (€1,000) u **minflok** tilliberah minn kull htija u piena u **alternattivament tirriforma** l-istess sentenza appellata billi **thassarha** f'dik il-parti fejn kien ikkundannat ghall-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija u multa ta' elf ewro (€1,000) u **minflok** tinfriggi piena iktar gusta w ekwa ghall-kaz u **tikkonferma** l-istess sentenza fil-kumplament taghha;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija sentenza fuq l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant Kevin Vella, aggravju ta' natura preliminari li jirrigwarda n-nullita' tas-sentenza appellata. L-appellant, kif

ukoll l-Avukat Generali, huma konkordi li l-ewwel Qorti naqset milli tippronunzja ruhha fuq tnejn minn seba' imputazzjonijiet meta sabitu hati tal-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjoni u lliberatu mir-raba u l-hames imputazzjoni bil-konsegwenza illi ma ghamlet l-ebda gudizzju fuq is-sitt u s-seba' imputazzjoni;

2. Ezaminati l-atti processwali, jirrizulta illi l-imputat kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali dwar seba (7) imputazzjonijiet u dan kif jidher fil-parti inizzjali ta' din is-sentenza bir-riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat. Minn dawn is-seba, kif tajjeb osservaw sia l-appellant kif ukoll l-Avukat Generali, l-ewwel Qorti pronunzjat ruhha <u>biss</u> dwar dawk enumerati wiehed sa hamsa;

3. Jinghad *in primis* illi Qorti ma tista' qatt tiddisponi minn kawza b'sentenza valida jekk ma tippronunzjax ruhha dwar l-akkuzi jew imputazzjonijiet <u>kollha</u> b'sejbin ta' htija, liberatorja jew astensjoni limitatament f'certi kazijiet. Meta Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' imputazzjoni jew akkuza ghaliex din tkun alternattiva jew rinunzjata mill-prosekuzzjoni, dik il-Qorti titqies li tkun ddisponiet mill-imputazzjonijiet jew akkuzi migjuba ghal gudizzju taghha meta tiddikjara li tkun hekk qedha tastjeni. Meta ma tghid xejn dwar wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet, allura s-sentenza tkun qed tiddifetta minn element indispensabbli ghall-validita' taghha. Dan jammonta ghall-nuqqas ta' formalita' sostanzjali ex artikolu 377 u 382 Kapitolu 9 kif assodat fil-gurisprudenza - ara per ezemplari is-

sentenzi ta' din il-Qorti msemmija mill-appellant **Il-Pulizija vs Generoso Sammut** tat-13 t'Ottubru, 2004 (Rik 80/2004) u **Il-Pulizija vs Nicholas Dimech** tas-26 ta' Mejju 2015 u din il-Qorti zzid maghhom dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Mifsud** App Krim tas-6.7.2007, **Il-Pulizija vs Joseph Brown** App Krim 31.5.12 u **Il-Pulizija vs Robert Farrugia** App Krim 19.11.2015). L-artikolu 377 (1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi:

**Meta jinghalaq is-smigh tal-kawza, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, taghti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat.**

L-artikolu 382 imbaghad jipprovdi illi:

**Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.**

4. Illi wara l-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti kkonkludiet hekk:

**Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma li mill-assjem tal-provi kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali, din il-Qorti tista' legalment u ragjonevolment tasal biex tikkonkludi li l-imputat hu ati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.**

5. Illi wara konsiderazzjonijiet dwar il-piena, imbaghad u fil-parti decizjorja, l-ewwel Qorti ddikjarat hekk:

**Ghal dawn il-motivi, .... ma ssibx lill-imputat hati tar-raba u l-hames imputazzjoni u minnhom tilliberah, qed issib lill-imputat hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet, u qed tikkundannah .....**

6. Illi, ghalhekk l-ewwel Qorti baqghet siekta dwar is-sitt u s-seba imputazzjoni u b'hekk naqset milli tillibera jew li tikkundanna lill-imputat dwar tnejn mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu fit-termini tal-artikolu 377 u naqqset, per konsegwenza, li tikkundannah jew tilliberah skond l-artikolu 382;

7. L-appellant osserva illi huwa minnu li l-ewwel Qorti setghet kienet b'xi mod zgwidata bil-verbal tal-prosekuzzjoni meta ddikjarat illi fir-rigward tal-hames u s-seba imputazzjoni kienet qed tiprospetta l-hekk imsejjah traffikar "*by sharing*" u meta ddikjarat illi fir-rigward tar-raba', hames, sitt u seba imputazzjoni ma nstabu ebda tip ta' droga fis-16 ta' Gunju 2013 izda dawn ma kienux irtirati mill-prosekuzzjoni u ghalhekk kellu jkun hemm pronunzjament dwarhom;

8. Tajjeb ghalhekk illi jkun riprodott il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Gunju 2013 quddiem l-ewwel Qorti. Il-parti relattiva ta' dan il-verbal li huwa tal-ewwel udjenza meta l-imputat tressaq quddiem l-ewwel Qorti taqra hekk:

**Spettur Bernard Charles Spiteri jirrileva illi fir-rigward tal-hames u s-seba imputazzjonijiet fejn hemmhekk qed jindika li l-imputat seta' ittraffika, dan qed issir referenza ghal trafficking**

**by sharing u mill-investigazzjonijiet li saru rigward dawn l-akkuzi s'issa ma rrizultax li l-imputat ghamel xi qliegh jew bejgh dawn it-tipi ta' droga msemmija. Fir-rigward tar-raba, hames, sitta u sebgha imputazzjonijiet ma nstabu l-ebda tip ta' droga fis-16 ta' Gunju 2013..**

9. Minn dak li tista' tifhem il-Qorti, dak li l-Prosekuzzjoni ddikjarat fl-ewwel udjenza kien bil-hsieb li jghin lill-Qorti kif ukoll lid-difiza billi tghid x'kienu il-provi f'dawn rigward l-imputazzjonijiet imsemmija u li fil-kaz tal-hames wahda ma kienx qed ikun implikat traffikar ta' droga bi qliegh izda ta' dak it-tip komunement mgharuf bhala "sharing". Mkien ma jidher li l-prosekuzzjoni kienet qed tirtira xi wahda minn dawn l-imputazzjonijiet;

10. Illi ghalhekk jirrizulta li s-sentenza appellata hija karenti minn formalita' sostanzjali konsistenti fin-nuqqas ta' konsiderazzjoni u decizzjoni fuq tnejn mis-seba imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat u konsegwentement qed tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett;

11. Illi la darba ma kienx hemm pronunzjament dwar tnejn mill-imputazzjonijiet din il-Qorti ma tistax tiddeciedi hi dwarhom skond l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali ghaliex b'hekk tkun qed tippriva lill-imputat mid-dritt ta' ezami doppju;

12. Konsegwentement filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji u talbiet l-ohra tal-appellant,

tordna li l-atti jkunu rimandati lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi.

Onor. Imhallef Giovanni Grixti LL.M., LL.D